Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgharraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imħallef Ian Spiteri Bailey B.A., LLD, Duttur tal-Liġi.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 30th April, 2026, following a request of Dr Rita Mifsud noe was ordered that deputy curators be chosen to represent the minor – omissis - , in the records of the Application 195/2026CSZ, in the names Dr Rita Mifsud noe vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Advocate Dr Rita Mifsud (ID472696M) as special mandatory of the absentee Raqija Diriye Ibrahim (German ID number YZ9RL21MP) vs Sakariye Farah Hayd (American Passport number C19686828), deputy curators to represent the absentee Muse Ahmed Ali, Director Public Registry and deputy curators to represent the minor omissis, in the records of the Application bearing reference 195/2026CSZ, filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd April 2026, the applicant Advocate Dr Rita Mifsud (ID472696M) as special mandatory of the absentee Raqija Diriye Ibrahim (German ID number YZ9RL21MP) requested this Honourable Court so that to proceed with a cause for a declaration of paternity of the said minor omissis.

Applicant: 36, Triq l-Arċisqof, Valletta.

notification : deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey B.A., LLD, Doctor of Laws.

Illum, 20 ta' Mejju, 2026

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 7 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Today, 20th May, 2026

Registry of the Civil Court (Family Section), today, 7th August, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2014

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 202/2026AGV fl-ismijiet Mohib Abouzidan vs Dorianne Andrews, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Dorianne Andrews a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mohib Abouzidan (KI 347204L) vs Dorianne Andrews (KI 376676M) fl-atti tar-rikors Numru 202/2026AGV, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-29 ta' April, 2026, ir-rikorrenti Mohib Abouzidan talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati fi żmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-reġistru pubbliku.

U dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Il-kawża fl-ismijiet Mohib Abouzidan vs Dorianne Andrews (Rik Nru 202/2026AGV) hija differita għat-23 ta' Settembru, 2026 fl-10.15 a.m.

Rikorrenti: Pearl Res, Fl 5, Triq V Menville, is-Swieqi.

Intimata: Dorianne Andrews, Bini tal-Gvern Bieb B, Fl 1, Triq il-Marsa, Marsa.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 7 ta' Awwissu, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd June, 2026 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Mohib Abouzidan vs Dorianne Andrews, Application Number 202/2026AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dorianne Andrews in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an Application in the records of the application Number 202/2026AGV in the names Mohib Abouzidan (ID 347204L) vs Dorianne Andrews (ID 376676M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 29th April 2026, the applicant Mohib Abouzidanrequested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the divorce of the parties so that this is registered in the Public Registy.

And this under all those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

The application in the names Mohib Abouzidan vs Dorianne Andrews, Application Number 202/2026AGV has been postponed for hearing to the 23rd September, 2026 at 10.15 a.m.

Applicant: Pearl Res, Fl 5, Triq V Menville, Swieqi.

Respondent: Dorianne Andrews, Bini tal-Gvern Bieb B, Fl 1, Triq il-Marsa, Marsa.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 7th August, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2015

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru

By means of a decree of the 4th June, 2026 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the

46/2026BS fl-ismijiet Claudette Portelli vs Isslam Tawfik Issa, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Isslam Tawfik Issa a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Claudette Portelli (KI 133179M) vs Isslam Tawfik Issa (KI 20380A) fl-atti tar-rikors Numru 46/2026BS, pprezentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta' Frar, 2026, ir-rikorrenti Claudette Portelli (KI 133179M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati fi żmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-reġistru pubbliku.

U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.

Il-kawża fl-ismijiet Claudette Portelli vs Isslam Tawfik Issa (Rik Nru 46/2026BS) hija differita għas-16 ta' Settembru, 2026 fid-9.30 a.m.

Rikorrenti: Block 2, Flat 2, Triq Tal-Ġebel, Birzebbuġa

Intimat: 165, Bontempo Building, Flat 3, Wied Ħal Balzan, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 7 ta' Awwissu, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

names Claudette Portelli vs Isslam Tawfik Issa, Application Number 46/2026BS, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Isslam Tawfik Issa in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an Application in the records of the application Number 46/2026BS in the names Claudette Portelli (ID 133179M) vs Isslam Tawfik Issa (ID 20380A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 6th February 2026, the applicant Claudette Portelli (ID 133179M) requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of marriage between the parties in terms of Article 66B Chapter 16 of the Laws of Malta;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage of the parties so that this is registered in the Public Registry.

And this under any other provision that this Honourable Court deems fit to impose.

The application in the names Claudette Portelli vs Isslam Tawfik Issa, Application Number 46/2026BS has been postponed for hearing to the 16th September, 2026 at 9.30 a.m.

Applicant: Block 2, Flat 2, Triq tal-Ġebel, Birzebbuġa

Respondent: 165, Bontempo Building, Flat 3, Wied Ħal Balzan, Ħal Balzan

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 7th August 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2016

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 31/2026BS fl-ismijiet Tiziana Spiteri vs Christopher Ellul, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Christopher Ellul a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Tiziana Spiteri (KI 383792M) vs Christopher Ellul (KI 471780M) fl-atti tar-rikors Ġuramentat Numru 31/2026BS, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar, 2026, ir-rikorrenti

By means of a decree of the 18th June, 2026 of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Tiziana Spiteri vs Christopher Ellul, Application Number 31/2026BS, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Christopher Ellul in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the records of the sworn application Number 31/2026BS in the names Tiziana Spiteri (ID 383792M) vs Christopher Ellul (ID 471780M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd February,

Tiziana Spiteri (ID 383792M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lill-esponenti tieħu d-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri inkluż dawk ta' saħħa u edukazzjoni kif ukoll tapplika u tottjeni waħedha l-ħruġ u/jew l-estensjoni (skont il-każ) ta' passaport tal-imsemmi minuri, mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-intimat;

2. Tiddikjara li l-istess minuri – omissis aħwa Ellul għandhom jgħixu u jkollhom r-residenza ordinarja tagħhom mal-esponenti;

3. Tordna lill-intimat sabiex imantni lill-minuri – omissis – aħwa Ellul u għal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja u tordna lill-intimat sabiex iħallas dik ir-retta alimentarja hekk stabbilita, liema retta alimentarja għandha tinkludi l-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet extra kurrikulari u dan b'dawk il-modalitajiet kollha inkluż li l-pagament isir permezz ta' standing order li l-intimat għandu jiġi ordnat li jagħmel a favur l-esponenti kif ukoll li din ir-retta alimentarja tiġi inkrimenata perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja;

4. Tagħti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-oħra kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li jkunu hekk meħtieġa għat-twettiq sħiħ u sewwa ta'dan il-ġudizzju;

5. Tordna lill-intimat iħallas l-arrettrati kollha ta' manteniment kif ukoll l-arrettrati ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri – omissis;

6. Tordna lill-intimat illi jinforma lill-esponenti fl-eventwalità illi jbiddel l-impjieg tiegħu sabiex il-manteniment jibda jitħallas dirett mis-salarju l-ġdid tiegħu;

7. Tafda s-setgħa ta' ġenitur u l-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm.

U dan skont dawk il-provveidmenti kollha li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Tiziana Spieri vs Christopher Ellul (Rik Nru 31/2026BS) hija differita għas-16 ta' Settembru, 2026 fil-12.15 p.m.

Rikorrenti: 23, Triq Sant'Antnin, il-Ħamrun

Intimat: Block 1, Flat 6, Triq Birżebbuġa, Ħal Tarxien

2026, the applicant Tiziana Spiteri (ID 383792M) requested this Honourable Court to:

1. Authorise the applicant to take all decisions regarding the minor including those of health and education as well as to apply and obtain alone the issue and/or extension (as the case may be) of the passport of the said minor, without the necessity of the signature of the respondent;

2. Declare that the same minors – omissis brothers and sisters Ellul are to live and have their ordinary residence with the applicant;

3. Order the respondent to maintain the minors – omissis – siblings Ellul and for this purpose fix the adequate maintenance and order the respondent to pay the adequate maintenance so established, which adequate maintenance should include the health, education and expenses related to the extra-curricular activities and this in all those modalities including that the payment be made by means of a standing order which the respondent should be ordered to make in favour of the applicant as well as this maintenance is incremented periodically to compensate for the cost of living;

4. Give all those other opportune provisions and orders that this Honourable Court in its discretion deems necessary for the full and proper execution of this judgement;

5. Order the respondent to pay all the arrears of maintenance as well as the arrears of health and education expenses of the minors – omissis;

6. Order the respondent to inform the applicant in the eventuality that he changes his employment so that the maintenance starts being paid directly from his new salary;

7. Entrust the power of parental authority and the care and custody of the minors exclusively to the applicant mother.

And this according to all such provisions as the Court may deem appropriate and opportune.

With costs against the respondent, from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Tiziana Spiteri vs Christopher Ellul, Application Number 31/2026BS has been postponed for hearing to the 16th September, 2026 at 12.15 p.m.

Applicant: 23, Triq Sant'Antnin, Ħamrun

Respondent: Block 1, Flat 6, Triq Birżebbuġa, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 7 ta' Awwissu 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 7th August, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2017

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta fl-ismijiet Philipp Seifert vs Anastasia Marie Anonuevo Mandat Nru 56/2026AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Anastasia Marie Anonuevo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Philipp Seifert (KI 50897A) vs Anastasia Marie Anonuevo Seifert (KI 192483A) fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta, ipprezentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fis-27 ta' April, 2026, ir-rikorrenti Philipp Seifert (KI 50897A) jingħad bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti:

Illi l-esponenti għandha interess illi l-minuri hawn taħt imsemmija ma jittiħidx barra minn Malta;

Illi l-intimat huwa l-persuna li għandu jew li jista' jkollu l-kustodja legali jew attwali tal-imsemmi minuri.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn huwa jiġi ordnata milli jieħu jew tippermetti li xi ħadd jieħu l-imsemmi minuri barra minn Malta.

Dettalji tal-minuri: omissis

Rikorrenti: Remigio, Triq il-Madliena, il-Madliena, is-Swieqi

Notifika: Anastasia Marie Anonuevo Seifert – 60, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) – Onor Imħallef Antonio G Vella B.A., LLD, M.A.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat 27 ta 'April, 2026;

Tilqa' t-talba sakemm finalment jiġi deċiż;

Tappunta t-talba għall-Erbgħa 6 ta' Mejju 2026 fil-11.00 a.m. li hija differita għall-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2026 fl-10.15 a.m.

By means of a decree of the 11th June, 2026 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction restraining a person from taking a minor outside Malta in the names Philipp Seifert vs Anastasia Marie Anonuevo Seifert Warrant Number 56/2026AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anastasia Marie Anonuevo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Philipp Seifert (ID 50897A) vs Anastasia Marie Anonuevo Seifert (ID 192483A) in the acts the Warrant of Prohibitory Injunction restraining a person from taking a minor outside Malta, filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th April, 2026, the applicant Philipp Seifert (ID 50897A) respectfully requests this Honourable Court so:

That the applicant has an interest that the minor, hereinafter indicated, be not taken outside Malta;

That the respondent is the person having the legal or actual custody of the said minor;

Wherefore, the applicant respectfully requests that this Court orders the issue of a warrant of prohibitory injunction against the respondent's enjoining her not to take, or allow anybody to take, the said minor out of Malta;

Particulars of the minor – omissis –

Applicant: Remigio, Triq il-Madliena, Madliena, Swieqi

Notification: Anastasia Marie Anonuevo Seifert – 60, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan.

Civil Court (Family Section) – Hon Mr Justice Antonio G Vella B.A., LLD, M.A.

The Court,

Having seen the application dated 27th April, 2026;

Upholds the application until finally decided;

Appoints the request for Wednesday 6th May, 2026 at 11.00 a.m. which is postponed for hearing for Wednesday 23rd September, 2026 at 10.15 a.m.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' dan id-digriet lill-kontroparti li għandha twieġeb sad-data ta' dan il-każ u tordna n-notifika lill-awtoritajiet kompetenti.

Il-Qorti tordna li l-attur jiddepożita l-passaport tal-minuri taħt l-Awtorità tal-Qorti fi żmien 24 siegħa min-notifika ta' dan id-digriet.

Illum, 27 ta' April, 2026

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 7 ta' Awwissu, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court orders notification of this decree to the couterpart that has to reply till the date of such case and orders notification to the competent authorities.

The Court orders that plaintiff deposit passport of the minor under the Authority of the Court within 24 hours from notification of this decree.

Today, 27th April, 2026

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 7th August 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2018

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju, 2026 fuq talba ta' Ġina D'Amato ġie ordnat, biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti John Scicluna et fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 2098/2026, fl-ismijiet Ġina D'Amato vs Kuraturi Deputati et u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali numru 2098/2026 ippreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Mejju, 2026, ta' Ġina D'Amato (KI 184386M) ta' 6, Triq il-Warda, iż-Żurrieq, Malta kontra Kamira Farrugia (KI 111296M), Nazzareno Axiak (KI 0643742M), Nutar Antonella Navarro u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti John Scicluna (Numru tat-Taxxa fuq id-Dħul Nru 889980812) Oakville, Kanada; Rita Blake (Numru tat-Taxxa fuq id-Dħul Nru 889980713) Dundas, Kanada; Vincent Scicluna (Numru tat-Taxxa fuq id-Dħul nru 887282228) Mississauga, Kanada; is-suċċessuri mhux magħrufa ta' Raymond Farrugia (KI 822357M); is-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' John Farrugia (KI 453964M), is-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Mary Ann Cortis (KI 411968M), is-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Carmela Bezzina (KI 301430M) u is-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Katie sive Catherine Sammut (KI 0502546M) fejn permezz tal-preżenti Ġina D'Amato, qiegħda tinterpellakom sabiex entro sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċċjali, intkom jew min minnkom, tersqu sabiex tassumu r-responsabbiltà għad-danni sofferti mill-mittenti, kawża tal-aġir manifestament irresponsabbli u illegali eżerċitat da parte tagħkom in konnessjoni mal-kuntratt tal-bejgħ tal-garaxx bin-numru uffiċjali tlieta u erbgħin (43), Triq San Bartilmew, iż-Żurrieq, inkluż bitħa li ġiet trasferita sal-livell tas-saqaf

Banns for Curators

Republic of Malta

To a Court Marshall

By means of a decree given by this Court on the 12th May, 2026 following a request of Gina D'Amato it was ordered that deputy curators be appointed to represent the absent John Scicluna et in the records of the Judicial Letter number 2098/2026, in the names Gina D'Amato vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter number 2098/2026 filed in the First Hall of the Civil Courts on the 8th May, 2026 by Gina D'Amato (ID 184386M) of 6, Triq il-Warda, iż-Żurrieq against deputy curators nominated to represent the absentee Salvatore Bascio (Italian Passport number AA1922577) in his own name and as director for and on behalf of the company Belicino Limited (C74304), today struck off from the Registry of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €764, 151.05 representing the amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to the same Act. By means of a Judicial Letter number 2098/2026 filed in the First Hall Civil Court on the 8th May 2026, of Gina D'Amato (ID 184386M) to Kamira Farrugia (ID 111296M), Nazzareno Axiak (ID 0643742M), Notary Antonella Navarro and Deputy Curators to represent the absent John Scicluna (income tax number No 889980812) Oakville, Canada; Rita Blake (Income tax number 889980713) Dundas, Canada; Vincent Scicluna (Income Tax Number 887282228) Mississauga, Canada; the unknown successors in title of Raymond Farrugia (ID 822357M); the unknown successors in title of John Farrugia (ID 453964M), the unknown successors in title of Mary Ann Cortis (ID 411968M), the unknown successors in title of Carmela Bezzina (ID 301430M) and the unknown successors in title of Katie sive Catherine Sammut (ID 0502546M), by

tal-garaxx imsemmi, iffirmat bejn l-intimati Carmela Bezzina, Katie sive Catherine Sammut, Nazzareno Axiak, Joseph Farrugia, Raymond Farrugia, John Farrugia, Mary Ann Cortis, John Scicluna, Rita Blake, Vincent Scicluna (minn issa ' l quddiem "il-vendituri"), u l-mittenti (kompratrici) nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), quddiem in-Nutar Antonella Navarro (Dok.A).

Illi l-vendituri ffirmaw il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond in kwistjoni bid-dritt, inter alia, li jiġi nstallat tank tal-ilma a u aerial tat-television jew internet fuq il-fond sovrastanti, u ċioè dak misjub fl-indirizz '41, Triq San Bartilmew, iż-Żurrieq' (klawsola numru disa' (9) tal-kuntratt imsemmi).

Illi I-fond sovrastanti kienet il-proprjetà tal-vendituri, u ġiet mibjugħa lill-intimata Kamira Farrugia permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Antonella Navarro. Iżda meta l-mittenti avviċinat lil Kamira Farrugia sabiex tkun tista' tinstalla t-tank tal-ilma wara li waqgħet u reġgħet żviluppat il-fond sovrastanti, Kamira Farrugia qiegħda tinnega d-dritt tal-mittenti milli tinstalla t-tank tal-ilma fuq l-fond sovrastanti. Is-servitu fuq il-proprjetà sovrastanti jirriżulta mill-kuntratt ta' bejgħ iffirmat bejn il-mittenti u l-vendituri. Kienu I-istess vendituri li ħolqu dan is-servitu fuq il-proprejtà tagħhom stess li dak iż-żmien tal-kuntratt ta' bejgħ bejn il-mittenti u l-vendituri, s-sinjura Kamira Farrugia ma kinitx sid il-fond sovrastanti.

Is-sinjura Kamira Farrugia qiegħda tinnega li jeżisti dan is-servitu għaliex allegatament qiegħda tgħid illi l-istess servitu ma jeżistiex u ma hemm l-ebda referenza għalih fil-kuntratt ta' bejgħ ta' bejnha u bejn il-vendituri. Dan is-servitu effettivament jaffettwa kwalunkwe proprjetarju tal-fond sovrastanti fuq il-fond '41, Triq San Bartilmew, iż-Żurrieq, dan id-dritt mgħoti lill-mittenti mill-istess vendituri huwa neċessarju għall-finijiet ta' installar ta' tankijiet tal-ilma, aerial tat-television jew internet.

Illi dan in-nuqqas tant sinifikanti u frawdolenti da parte tal-vendituri fil-kuntratt tal-bejgħ tal-fond '41, Triq San Bartilmew, iż-Zurrieq' jammonta għal-leżjoni tad-drittijiet tal-mittenti hekk kif stipulati fil-kuntratt tal-bejgħ li jikkonċerna l-fond '43, Triq San Bartilmew, iż-Żurrieq'.

Illi jekk verament jirriżulta li dan is-servitu favur l-mittenti mhuwiex rifless fil-kuntratt tal-fond sovrastanti,

the present, the interpellant Gina D'Amato, is soliciting you so that within seven (7) days from the date of service of this judicial letter, you or either of you, come forward to assume responsibility for the damages suffered by the interpellant, due to the irresponsible and illegal behaviour exercised on your part in connection with the contract of sale of the garage with official number forty three (43), Triq San Bartilmew, Żurrieq, including a yard which was transferred to the roof level of the said garage, signed between the respondents Carmela Bezzina, Katie sive Catherine Sammut, Nazzareno Axiak, Joseph Farrugia, Raymond Farrugia, John Farrugia, Mary Ann Cortis, John Scicluna, Rita Blake, Vincent Scicluna (hereinafter "the vendors"), and the interpellant (the buyer) on the twentieth (20) of March of the year two thousand and nineteen (2019), before Notary Antonella Navarro (Doc. A).

That the vendors signed the contract of sale of the premises in question with the right, inter alia, to install a water tank and a television aerial or internet on the overlying premises, and namely that found at the address '41, Triq San Bartilmew, Żurrieq' (clause number nine (9) of the said contract).

That the overlying premises was the property of the vendors, and was sold to the respondent Kamira Farrugia by means of a contract in the records of Notary Antonella Navarro. But when the interpellant approached Kamira Farrugia so that she can install the water tank after it demolished and redeveloped the overlying premises, Kamira Farrugia is denying the right of the interpellant to install the water tank on the overlying premises. The servitude on the overlying property results from the contract of sale signed between the interpellant and the vendors. It was the same vendors who created this servitude on their own property that at the time of the contract of sale between the interpellant and the vendors, Ms Kamira Farrugia was not the owner of the overlying premises.

Ms Kamira Farrugia is denying that this servitude exists because she is allegedly saying that the same servitude does not exist and there is no reference to it in the contract of sale between her and the vendors. This servitude effectively affects any owner of the overlying premises' 41, Triq San Bartilmew, Żurrieq, this right given to the interpellant by the same vendors is necessary for the purposes of installing water tanks, television aerial or internet.

That this so significant and fraudulent default on the part of the vendors in the contract of sale of the premises '41, Triq San Bartilmew, Zurrieq' amounts to a violation of the rights of the interpellant as stipulated in the contract of sale concerning the premises '43, Triq San Bartilmew, Żurrieq'.

That if it truly results that this servitude in favour of the interpellant is not reflected in the contract of the overlying

ċioè il-fond ta' Kamira Farrugia, allura dan huwa nuqqas serju fil-mod ta' kif twettqu r-riċerki u nuqqas serju da parti tal-vendituri li ma rriflettux dan is-servitu fil-kuntratt tal-fond sovrastanti.

B'riżultat ta' dan l-aġir il-mittenti qiegħda f'pożizzjoni prekarja li s-servitu kuntrattwali ma jkunx imwettaq għalhekk l-mittenti permezz tal-preżenti, qiegħda tinterpellakom sabiex entro l-istess terminu tassumu responsabbiltà għad-danni subiti minnha kaġun tal-premess, u sabiex tersqu għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas ta' danni;

Fin-nuqqas tagħkom milli tonoraw l-obbligi tagħkom kif fuq imsemmi, il-mittenti sejra tipproċedi kontrikom bil-mezzi kollha li tagħtiha l-liġi, inklużi proċeduri ġudizzjarji mingħajr I-ebda pre-avviż.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Mittenti:

Ġina D'Amato – 6, Triq il-Warda, iż-Żurrieq, Malta.

Notifiki:

Kamira Farrugia – 'Conception Farmhouse', il-Baqqari, Limiti taż-Żurrieq, Malta

Nazzareno Axiak – 62, 'Carjos', Triq Wignacourt, Birkirkara, Malta.

Is-suċċessuri mhux magħrufa ta' Raymond Farrugia – 'Hacienda', Triq il-Muskatell, Ħ'Attard, Malta

Is-suċċessuri mhux magħrufa ta' John Farrugia – 36, ' Casa Maria', Triq Stefano Erardi, l-Iklin, Malta

Is-suċċessuri mhux magħrufa ta' Mary Ann Cortis – 'L-immakulata' Triq Annibale Preca, Ħal Lija, Malta

Carmela Bezzina- 51, 'Angelica', Triq it-Tunnara, iż-Żurrieq, Malta

Katie sive Catherine Sammut – 32, 'Sacred Heart', Triq San Pietru, iż-Żurrieq, Malta

Nutar Antonella Navarro – Cilia and Associates, 107, Triq il-Knisja, Paola, Malta

premises, namely the premises of Kamira Farrugia, then this is a serious shortcoming in the manner in which the searches were carried out and a serious shortcoming on the part of the vendors who did not reflect this servitude in the contract of the overlying premises.

As a result of this behaviour the interpellant is in a precarious position that the contractual service will not be performed so the interpellant by means of this present, is soliciting you so that within the same term you assume responsibility for the damages suffered by her as a result of the premised, and to come forward for the liquidation and consequent payment of damages;

In default of complying with your obligations as above mentioned, the interpellant shall proceed against you by all the means given to her by law, including judicial proceedings without any prior notice.

This letter is being sent for all intents and purposes of law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves and avoid further expenses.

With costs.

Interpellant:

Gina D'Amato – 6, Warda Street, Żurrieq, Malta.

Notifications:

Kamira Farrugia – "Conception Farmhouse", Baqqari, limits of Żurrieq, Malta

Nazzareno Axiak – 62, "Carjos", Triq Wignacourt, Birkirkara, Malta.

Unknown successors of Raymond Farrugia – "Hacienda", Triq il-Muskatell, Ħ'Attard, Malta

Unknown successors of John Farrugia – 36, 'Casa Maria', Triq Stefano Erardi, Iklin, Malta

Unknown successors of Mary Ann Cortis – "L-Immakulata" Triq Annibale Preca, Ħal Lija, Malta

Carmela Bezzina - 51, "Angelica", Triq it-Tunnara, Żurrieq, Malta

Katie sive Catherine Sammut – 32, "Sacred Heart",Triq San Pietru, Żurrieq, Malta

Notary Antonella Navarro – Cilia and Associates, 107, Church Street, Paola, Malta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi zmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Rachel Montebello LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 12 ta' Mejju, 2026.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 7 ta' Awwissu, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Rachel Montebello LLD, Doctor of Laws.

Today, 12th May, 2026

Registry of the Superior Courts, today, 7th August, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2019

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fid-29 ta' Lulju, 2026 (Rikors numru 81/2026) rikors ta' Daniel Camilleri et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Margaret Camilleri, legalment separata minn Peter Paul Camilleri, bint il-mejtin Joseph Rapa u Mary née Buttigieg, imwielda l-Qala, Għawdex fil-5 ta' April, 1951 u mietet ġewwa l-Qala, Għawdex fit-30 ta' Settembru, 2014 (karta tal-identità numru 24351(G)) liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' uliedha Daniel Camilleri (KI 14577G) u Denise Galea (KI 4672G) fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 29th of July, 2026 (Application number 81/2026) by Daniel Camilleri et, the opening of the SUCCESSION was requested of Margaret Camilleri, legally separated from Peter Paul Camilleri, daughter of the late Joseph Rapa and Mary née Buttigieg, born in Qala, Gozo on the 5th April, 1951 and died in Qala, Gozo on the 30th September, 2014 (Identity Card number 24351(G)) which opening of succession is to be made in favour of her children Daniel Camilleri (ID 14577G) and Denise Galea (ID 4672G) in a quota of one half (1/2) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Illum, 6 ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Today, the 6th of August, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2020

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

Billi b' digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2025 fuq talba ta' Joseph Montebello et ġie ordnat, sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru: 1973/2025, fl-ismijiet Joseph Montebello et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u ta' kontestwali fidi ta' ċens numru 1973/2025 ta' Joseph Montebello, miżżewweġ, bin Saviour Montebello u Mary Montebello née Gauci, imwieled Tal-Pietà fl-1 ta' Lulju, 1960 u residenti 67, "Aniċi", Sqaq il-Misraħ numru tnejn (2), Ħal Qormi (KI 473960M), Rita Bondin, mizzewġa, bint Saviour Montebello u Mary Montebello née Gauci, imwielda Ħal Tarxien fil-25 ta' Mejju, 1959 u residenti Flat 10, Binja San Klement, Triq Ġuži Abela, iż-Żejtun (KI 352959M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa tad-direttarja is-Sinjorina Angolina Bezzina, xebba, bint il-mejtin Salvatore Bezzina u Carmela Bezzina née Magro, imwieda Bormla u kienet residenti Birżebbuġa u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa tas-sub-direttarji:

1. L-Avukat Dott. Filippo Nicolo Buttigieg, bin il-mejtin Filippo Buttigieg u Mariana Buttigieg née Debono, mwieled Ħaż-Żebbuġ u kien residenti Ħal Balzan;

2. Il-Perit Arkitett u Inġinier Civili Rinaldo sive Rene Buttigieg, iben l-Avukat Dott. Filippo Nicolo Buttigieg u Erminea Buttigieg née Farrugia, imwieled u kien residenti Ħal Balzan.

3. Gaston Buttigieg, impjegat ċivili, iben l-Avukat Dott. Filippo Nicolo Buttigieg u Erminea Buttigieg née Farrugia imwieled il-Belt Valletta u kien residenti Ħal Balzan;

4. Il-Perit Arkitett u Inġinier ċivili Victor Calleja iben Joseph Calleja u Ermelinda Calleja née Gauci, imwieled l-Isla u kien residenti Tal-Pietà.

5. In-Nutar Dr John Micallef Trigona, bin l-ispiżjar Walter Micallef u Mary Micallef née Sciberras Trigona, imwieled Tas-Sliema u kien residenti Ħal Balzan.

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 23rd September, 2025 following a request of Joseph Montebello et it was ordered, that deputy curators be appointed to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number: 1973/2025, in the names Joseph Montebello et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent of Joseph Montebello, married, son of Saviour Montebello and Mary Montebello née Gauci, born in Tal-Pietà on 1st July, 1960 and residing at 67, "Aniċi", Misrah Alley number two (2), Ħal Qormi (ID 473960M), Rita Bondin, married, daughter of Saviour Montebello and Mary Montebello née Gauci, born in Ħal Tarxien on 25th May, 1959 and residing at Flat 10, Binja San Klement, Triq Ġuži Abela, Żejtun (ID 352959M) vs Deputy Curators to represent the unknown successors in title of the direct owner Ms Angolina Bezzina, unmarried, daughter of the late Salvatore Bezzina and Carmela Bezzina née Magro, born in Cospicua and resided in Birżebbuġa. And Deputy Curators to represent the unknown successors in title of the sub-direct owners:

1. Advocate Doctor Filippo Nicolo Buttigieg, son of the late Filippo Buttigieg and Mariana Buttigieg née Debono, born in Ħaż-Żebbuġ and resided in Ħal Balzan;

2. Architect and Civil Engineer Rinaldo sive Rene Buttigieg, son of Dr Filippo Nicolo Buttigieg and Erminea Buttigieg née Farrugia, born and resided in Ħal Balzan.

3. Gaston Buttigieg, civil servant, son of Advocate Dr Filippo Nicolo Buttigieg and Erminea Buttigieg née Farrugia born in Valletta and resided in Ħal Balzan;

4. Architect and Civil Engineer Victor Calleja and Ermelinda Calleja née Gauci, born in Senglea and resided in Tal-Pietà

5. Notary Dr John Micallef Trigona, son of pharmacist Walter Micallef and Mary Micallef née Sciberras Trigona, born in Tas-Sliema and resided in Ħal Balzan.

6. Carmelo Mamo, negozjant, iben Michele Mamo u Carmela Mamo née Borg, imwieled u kien residenti l-Belt Valletta.

7. Antonio Mamo, negozjant, iben Michele Mamo u Carmela Mamo née Borg, mwieled u kien residenti l-Belt Valletta.

U is-suċċessuri fit-titolu tal-awmentarju tas-sub-ċens Francesco Saverio sive Francis sive Francesco Tabone, bennej, bin il-mejtin Felice Tabone u Emanuela Tabone nee' Spiteri, imwieled u kien residenti Ħaż-Żabbar fosthom: Anthony Tabone, legalment separat minn Maryanne Tabone, imwieled Ħaż-Żabbar fis-27 ta' Settembru, 1969 u residenti 3, Triq il-Biċċieni, Sqaq il-Loġġa, Ħaż-Żabbar (KI432769M), ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru, 2025, fejn Joseph Montebello et jesponu bir-rispett:

Illi l-esponeneti jippossiedu l-mezzanin bin-numru ħamsa u għoxrin (25), bl-isem ta' 'Joe Rita' fi Triq San Ġwann, il-Fgura, inkluż l-arja sovrastanti u dan kif soġġett għaċ-ċens, sub-ċens u awment annwu u perpetwu ta' tlieta u disgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€93.21), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu kif muri fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A, u dan kif aħjar deskritt fl-att tal-akkwist tan-Nutar Dott. Carmelo Lia datat is-sebgħa ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija ħamsa u sittin (7/12/1965) hawn anness u mmarkat bħala Dok. B.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan l-istess ċens u illi għalhekk jammonta għal elf tminn mija erba' u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€1,864.20).

Għaldaqstant l-esponenti qiegħdin umilment jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont globali ta' elfejn erba' mija tlieta u għoxrin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€2,423.46) rappreżentanti elf tminn mija erba' u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€1,864.20) prezz tal-fidi ta' dana ċ-ċens perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija, erba' mija sitta u sittin ewro u ħames ċenteżmi (€466.05) arretrati ta' ħames snin ċens u tlieta u disgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€93.21) ħlas ta' lawdemju ta' sena (1) biex jiġi mogħti liberalment lis-sidien rispettivament, wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: 67, Anici, Sqaq il-Misraħ Nru 2, Ħal Qormi

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku – 34, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt

6. Carmelo Mamo, businessman, son of Michele Mamo and Carmela Mamo née Borg, born and resided in Valletta.

7. Antonio Mamo, businessman, son of Michele Mamo and Carmela Mamo née Borg, born and resided in Valletta.

And the successors in title of the increase in the sub-groundrent Francesco Saverio sive Francis sive Francesco Tabone, builder, son of the late Felice Tabone and Emanuela Tabone née Spiteri, born and resided in Ħaż-Żabbar amongst whom: Anthony Tabone, legally separated from Maryanne Tabone, born in Ħaż-Żabbar on 27th September, 1969 and residing at 3, Triq il-Biċċieni, Sqaq il-Loġġa, Ħaż-Żabbar (ID 432769M), filed in the First Hall of the Civil Courts on the 19th September, 2025, Joseph Montebello et respectfully submitted:

That the applicants own the mezzanine with number twenty five (25), with the name "Joe Rita" in Triq San Ġwann, Fgura, including the overlying airspace and this as subject to the annual and perpetual groundrent, sub-groundrent and increase of ninety three euro and twenty one cents (€93.21), otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances as shown on the site plan here attached and marked as Doc A, and this as better described in the deed of acquisition of Notary Dr Carmelo Lia dated the seventh December of the year one thousand nine hundred and sixty five (7/12/1965) here attached and marked as Doc B.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus amounts to one thousand eight hundred and sixty four euro and twenty cents (€1,864.20).

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the global amount of two thousand four hundred and twenty three Euros and forty six cents (€2,423.46) representing one thousand eight hundred euros and sixty four cents (€1,864.20) price of redemption of this perpetual groundrent burdening the above mentioned immovable, four hundred and sixty six Euros and five cents (€466.05) five years groundrent arrears and ninety three Euro and twenty one cents (€93.21) payment of one (1) year laudemium to be freely given to the owners respectively, after leaving the due receipt.

Applicant: 67, Anici, Sqaq il-Misraħ No 2, Ħal Qormi

Services: Director Public Registry – 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy curators

